# It-Trobbija tat-Tfal fil-Mellieħa ta' l-Imgħoddi: Ġabra ta' Ntietef

© Eric Bonanno B.Ed. (Hons.)



Fl-imgħoddi, l-ippjanar tal-familja ma kienx jeżiżti minħabba l-influenza qawwija li l-Knisja kellha fuq kull ma kien jiġri bejn il-miżżewġin.

Minkejja l-faqar kbir li kien hawn fil-gżira, familji kbar kienu komuni ħafna (Fig. 1), iżda l-Melliħin ta' qabilna xorta kienu jqisu twelid ġdid fil-familja bħala ġrajja ta' ferħ. "Tarbija hija barka minn Alla"; kont dlonk tisma. Mhux l-ewwel darba kont tara lil xi missier ħiereġ jiġri minn daru jgħajjat lill-ġirien: "*N.N.* spiċċat ta! *G*ħandna tifel !"[1]

Billi kien ikun hemm ħafna mwiet dik il-ħabta, il-ġirien kienu anke joqogħdu għassa ta' xulxin biex jitolbu għal xulxin ukoll. L-aktar li kienu jimirdu kienu bil-problemi tal-kliewi, pressjoni u biz-zokkor. L-agħar kienu dawk tal-mard tal-kliewi, għax barra li kienu jkunu qishom indannati, ħafna kienu jmutu mal-ħlas.

Skond il-knisja l-uniku funzjoni tas-sess kienet biex iġġib it-tfal, u minħabba f'din l-idea mhux l-ewwel darba li kien hemm xi ndħil minn xi qassisin. Tilwim ġieli nqala' wkoll. Spiss, l-ewwel mistoqsija lin-nisa waqt il-qrar kienet tkun: "Inti torqod mar-raġel?"

Waħda ta' 23 sena kellha 5 xhur tqala bir-raba' tarbija, u waqt il-kliem ma' ċertu qassis Mellieħi qaltlu li fil-qagħda tagħha ma kinetx tiflaħ li żewġha jagħmel l-att taż-żwieġ magħha sa l-aħħar. Kollu rrabjat qalilha: "Mela int iżżewwiġt biex tmur tinħaraq fl-infern !" u ħalliha b'hekk.

Għax oħra bħal gergret mal-qassis li f'erbgħa snin kellha erbat itfal hu bil-ħatfa weġibha: "Mela mhux għalhekk iżżewwiġt!?"

Minħabba ħafna każi simili ta' ndħil u anke oħrajn agħar, uħud kienu jistennew il-qassisin Għawdxin biex iqerru billi dawn ma kienux daqshekk iebsin. Oħrajn ma kienux iqerru u jitqarbnu ħlief għal darba f'sena biex iħarsu l-obbligu tal-preċett, u dan għax kien ikollhom jagħtu l-bulettin tar-Randan ta' bilfors.[2]

Meta xi waħda kienet tmur iseksek fuq ħaddieħor fil-qrar, din ta' l-ewwel spiss kienet tingħata penitenza akbar jew kienet tibqa' bla assuluzzjoni, imma l-qassis wara xorta kien joqgħod b'għajnejh miftuħin għal dik li kienet ġiet irrapurtata.

l-antennati tagħna kienu skruplużi ħafna u dan is-suġġet ma kienux isemmuh quddiem iż-żgħar kif ġie ġie. Kien għalhekk li ħafna tfajliet ġew bih għall-ewwel darba meta kienu għadhom ma semgħu b'xejn. Ċerta ommijiet kienu jqabbdu lil xi mara barranija biex tfiehem lil binthom xi jkun ġralha. Oħrajn kienu jgħidulhom biss li issa daqt kienet sejra ssir xebba – ser tagħżel – kienet il-kelma, inkella – ser titgerbeb it-taraġ. L-aktar li kienu jgħidulhom kien li dik l-affari kienet ser tibda tiġri kull xahar u li issa trid tinħasel aktar spiss u li m'għandiex toqgħod iżjed mas-subien u toqgħod attenta minnhom ukoll.

Xi ommijiet kienu jgħidulhom biss li jekk jaraw xi naqra demm imorru għandhom u jagħtuhom biċċa ċarruta. Ġieli anki ma kienu jgħidulhom xejn.



Fig. 1. Anġla Bonanno (xebba Bartolo) minn tas-Sinktu, ma' żewġha Ċikku u erbgħa mit-tmien uliedha. Anġla, il-bużnanna ta' l-awtur, kienet waħda mill-ħafna Melliħin li rabbiet familja kbira fil-faqar imma f'għożża kbira. (© E. Bonanno.)

---

[1]Kull fejn użajt xi frażijiet li ntqalu minn nies ħallejthom kif intqalu biex la jintilef is-sugu u l-anqas il-qawwa ta' l-espressjoni.

[2]Dan il-bulettin kien mezz użat mill-Knisja biex taċċerta ruħha minn numru ta' nies li kienu josservaw is-sagramenti, għall-anqas ta' darba f'sena, fi żmien l-Għid il-Kbir. Waqt it-tqarbin, dak li jkun kien ikollu jagħti l-bulettin tiegħu (ċelesti) lis-sagristan u minfloku jingħata wieħed roża.

Waħda tifla kienet żelqet u ndunat li kellha d-demm fil-qalziet ta' taħt u marret tibki għand ommha tgħajjat "Qsamtu! Qsamtu!". Ommha ndunat x'kien ġara u qaltilha biss li issa kienet saret xebba u x-xenata waqfet hemm.

Meta l-aħwa ż-żgħar kienu jindunaw b'xi ħaġa, it-tweġibiet kienu jkunu lesti fil-komma għalihom; jew li waqgħet it-taraġ, jew li nfarġet, jew għax xi ħadd qata' siequ, jew li għandhom xi musmar jew ponta kbira u li nfetħitilhom. Insomma kienu jippruvaw jaħbu bejniethom.

L-istess meta kienu jaraw xi mara tqila u jistaqsu xi ħaġa dwar il-ħxuna tagħha. Ir-risposta kienet tkun li dik ħxienet għax kielet ħafna għaġin, ħobż u tixrob ħafna ilma. Meta kienet teħles jew tkorri kienu jgħidu li niżlet għax kienet marida. Ħafna kienu dawk li ma jindunaw b'xejn billi fl-antik kollox kien ikun mistur taħt l-għonnella jew taħt il-ħwejjeġ bil-ġmiegħ.

Il-kurramenti wkoll kienu misturin u għad li kienu komuni ħafna xorta kienu mumenti ta' biża' u qtiegħ il-qalb.

Meta waqt it-tqala mara kienet tara xi naqra demm, mill-ewwel kien jidħol il-biża' li kienet ser tinstaram (i.e. tkorri). Għalhekk l-omm kienet tgħid lit-tabib tar-raħal fil-pront, u tintefa' għall-mistrieħ bit-tama li ssalva t-tarbija. Ħajta demm fil-bidu tat-tqala kien hemm min jinterpretaha bħala l-għażla u/jew li dak li jkun ġej kellu jkun tifel.

Jekk l-għażla kienet tidher lejn l-aħħar, jiġifieri meta tara l-ilma, allura dak kien is-sinjal li l-omm tkun waslet biex twelled. Jekk kienu jaraw l-għażla qabel is-7 xahar, allura aktarx li l-mara kienet ser tkorri.

Minħabba nuqqas ta' tagħrif bażiku ħafna kienu jemmnu li l-mara kellha tibda tiekol wisq iżjed mis-soltu – għal tnejn, kien il-ħsieb. Kienu jieħdu aktar ħalib fejn kienu jistgħu għax kienu jemmnu li b'hekk mara tkun tista' tredda' aktar meta jasal iż-żmien. Kienu joqogħdu attenti mill-imbejjed, ġinibru u rum, imluħa, bżarijiet u minn diversi ħxejjex bħal ngħidu aħna, it-tuffiegħ mgħolli bl-imsiemer tal-qronfol, minħabba li dawn setgħu jkorru t-tarbija. Kienu anke jibżgħu mill-gamumella. Mill-bqija kienu jieklu kollox, speċjalment il-ħobż.

Sa xi ftit taż-żmien ilu kienu anke jieħdu l-*L*acto ħalli jsaħħu l-ħalib tas-sider bil-vitamini. Dan l-aktar li kienu jieħduh kien wara l-ħlas.

Ħafna kienu jibżgħu mit-tbajja' tax-xewqa[3]; tbajja' li jistgħu jitfaċċaw f'kull parti ta' ġisem it-tarbija.

L-għajdut kien li jekk waqt it-tqala l-omm tkun xtaqet tiekol jew tixrob xi ħaġa u żewġha ma 'kkwistahilhiex, jekk tkun misset xi parti minn ġisimha waqt li tkun ġietha x-xewqa, it-tarbija titwieled b'dik il-parti mtebba'. Ngħidu aħna tebgħa ħamra mhux fit-tond kienet titqabbel ma' frawla, jekk irregolari u fil-vjola ma' l-imbid. U povru r-raġel kif kien jiġi f'ilsien in-nies!

Issa dak iż-żmien it-tisjir kien ikun aktar imħawwar b'affarijiet naturali u għalhekk l-irwejjaħ kienu jinfdu kull xaqq, fil u rokna fil-ħitan u jidħlu anke fid-djar tal-ġirien. Kemm -il darba kien hemm minn kien għamel l-istuffat tal-fekruna u kien joħroġ bil-plattina bi ftit stuffat u zalza ħalli jddewqu lil xi ġara tqila biex ma jmorrux ikunu huma kaġun ta' xi tebgħa fuq it-tarbija li tkun ġejja.

It-tħejjija għat-tarbija kienet tibda minn kmieni u l-omm kienet tħejji dak kollu li butha kien jiflaħ għalih għall-wasla tat-tarbija.

"Ġejt għall-ġies!" kienet il-frażi li kienet tintuża meta l-omm kienet tmur tixtri l-bjankerija għat-tarbija. Il-ġies kien jikkonsisti f'xi żewġ tużżani ħrieqi tad-*drill* ta' jarda kwadra kull waħda, xi żewġ tużżani oħra franella tat-trabi, biċċiet tal-franelletta – dejjem bit-tużżani, xarpen, qlejba tal-musulina (li kienet tkun bħax-xarpen imma irqaq), fisqija tat-twelid ta' madwar 5 jardi tul, fisqija tan-nofs (i.e. xi ġiex jardi u nofs) u l-qmejsiet. Kienu anke jixtru biċċa faxxa għal maż-żokra f'każ ta' ftuq.

Wieħed ma jridx jinsa li dak iż-żmien lit-trabi kienu jfisquhom b'idejhom u saqajhom dritti qishom il-Bambin ta' Praga – ħalli jikbru dritti, kienu jgħidu. Meta kienu jibdew jitfarfru u jibdew jagħtu b'saqajhom kienu jgezwruhom fil-fisqija tan-nofs. Il-qmejsiet kienu jkunu tad-drapp tal-franelletta bil-kmiem twal. Kien hemm anke tal-ganċ, bil-kmiem twal ukoll.

Il-ħrieqi tax-xugaman bdew jintużaw aktar tard, daqs minn 45 sena 'l hawn.

Il-viżti mit-tabib tar-raħal kienu ħaġa normali għal waqt it-tqala. Minkejja li ma kellhomx il-faċilitajiet tal-lum xorta kellhom ħiliet li jistħoqqilhom l-akbar rispett.

Biex kien iħoss it-tarbija, it-tabib kien jagħmel speċi ta' lembut ma' żaqq l-omm u jissemma' qalb it-tarbija bih.

Meta lejn l-aħħar tat-tqala ġieli ma kienux iħossu t-tarbija, kont issib min igħidlek tagħmel ftit ilma frisk f'idejk u bih ixxarrab iż-żaqq. B'hekk, jekk it-tarbija tkun għadha ħajja tieħu dehxa u taqbeż f'ġuf ommha.

Forsi llum nidħku nisimgħu dawn l-affarijiet imma huma kollha bbażati fuq prinċipji tajba.

Ħaġa li forsi ma tantx titwemmen huwa wieħed mill-modi ta' kif kienu jippruvaw jaraw hux ser jitwieled tifel jew tifla.

---

[3] Fadal ħafna li għadhom jemmnu bihom sal-lum.

Kien hemm min jorbot labra tal-ħjata minn nofsha u jdendilha fuq żaqq l-omm qrib iż-żokra. Skond liema naħa kienet iddur kienu jgħidu x'kienet it-tarbija.

Biss, l-aktar mod li kien u li għadu jintuża huwa billi waħda kienet tifla l-barma ta' l-omm. Jekk l-omm kienet timtela' minn wiċċha, timbaram xi ftit (li dak iż-żmien kien jiġi nterpretat bħala ġmiel) u jkollha żaqq mitfugħha 'l fuq, tonda hi u l-warrani wkoll, dan kien jindika li kienet ġejja tifla. Jekk ma jkun xejn minn dan, anzi ż-żaqq tkun għall-ponta l-isfel u fil-ġnub vojt, allura dan kien ifisser li t-tarbija kellu jkun tifel.

Sfortunatament, anke dak iż-żmien kien ikun hemm min ma kienx ikun irid it-tarbija.

Kien hemm min tant kien irid ikorri t-tarbija li anke kienu jagħmlu ħadida tal-mogħdija mikwija maż-żaqq. Wieħed ma jridx jinsa li dak iż-żmien il-ħdejjed tal-mgħodija kienu balla tal-ħadid u kienu jissaħnu jew bil-faħam jew fuq in-nar. Wieħed għalhekk jista' jimmaġina l-effett li spiss kien ikollu fuq it-tarbija fil-ġuf, kif ukoll fuq l-omm.

Jgħidu li l-ġinibru jġiegħel mara tiġi bih. Fil-fatt kien hemm min jaħseb li kienet tqila għax ma tkunx qegħda bih fi żmienu, għalhekk kienu jieħdu l-ġinibru biex jaraw id-demm.

Oħrajn kienu jgħallu l-faxxina tat-tewm fl-ilma u meta jagħli jwaddbu kollox fi slopp u l-mara toqgħod bil-qiegħda fuqu għall-fwar. Kien hemm ukoll min saħansitra kien jgħalli ġo ftit ilma l-meraq tal-marrara ta' xi faħal jew barri u wara jixrob it-taħlita!

Kien hemm dawk li ma rrikorrewx għal dawn il-modi pjuttost ħorox u daru mal-problema b'mod ieħor. Mhux l-ewwel darba li meta xi tfajla kienet tinqabad tqila kienet tintbagħat Għawdex, u wara li teħles kienet tiġi lura mingħajr it-tarbija. Ħafna tfal spiċċaw fl-istituti jew ġew addottati. Għad fadal nies ħajjin li għaddew minn din l-esperjenza li, jew ma jafux x'sar minn uliedhom jew huma stess ma jafux min hi l-vera ommhom – sitwazzjoni tassew ta' qsim il-qalb.

Aktar qrib l-aħħar gwerra dinjija xi nisa kellhom għażla oħra x'jagħmlu f'każ li ma riedux jew kien l-aħjar għalihom li ma jkollhomx tfal. Kien hemm nisa li kienu jmorru għand il-professur u dan kien jorbtilhom it-tubi li jwasslu għall-għanqud tal-bajd ħdejn il-ġuf.

Żbalji saru wkoll. Kien hemm każ wieħed żgur fejn minkejja dan l-intervent, il-mara xorta nqabdet tqila. Meta l-professur induna bl-iżball, flok ma ħalla n-natura tieħu triqtha, opera lill-mara minnufih. L-imsejkna ħalliet din id-dinja żvinata u lil binha warajha ltim. Mhux ta' bxejn jgħidu li żball it-tabib it-trab jgħattih!

Biża' kbira li l-Maltin kollha dejjem kellhom kienet mill-għajn ħażina u s-saħta. Għalhekk, jekk xi ħadd kien isemmi xi ħaġa ħażina jew kerha quddiem l-omm tqila din kienet tkun pronta tgħid: "Barra minn fuq din it-tarbija li ġejja fid-dinja", u fl-istess ħin bis-subgħa l-oħxon kienet tagħmel is-sinjal tas-salib fuq żaqqha. Oħrajn kienu jroddu s-salib ukoll.

Tul it-tqala ta' l-omm, it-tfal ġieli kienu jibdew ġejjin b'għadd ta' mistoqjijiet. Bla dubju l-aktar waħda komuni kienet (u għadha) li jistaqsu minn fejn jiġu t-trabi. Għal ħafna dawn kienu jiġu bil-vapur, fil-bagalja jew minn ġo xi kaxxa u wara joħorġu t-tarbija minnha. Għal oħrajn kienu jiġu mill-Belt billi tmur tixtrihom minn hemm. Għal xi wħud kienu jiġu mis-sema minn għand il-Bambin u kien ikun hu stess li ipoġġihom fuq is-sodda ta' l-omm. Ħadd ma kien jgħidilhom miż-żaqq għax kienu jibżgħu mill-mistoqsija l-oħra: "U dawk kif jidħlu hemm?"

Meta kien jasal żmien il-ħlas, il-mara kienet tkun akkumpanjata mill-qabla u xi drabi anke minn ommha. Jekk diġa' kien kellha xi tfal, dawn malajr kienu jitwarrbu minn nofs. Kien hemm min jibgħathom għand in-nanna jew xi zija. Kienu jkunu anqas ta' nkwiet jekk il-ħlas jiġi waqt il-ħin ta' l-iskola jew ta' l-għalqa.

Billi wara l-ħlas mhux l-ewwel darba li l-mara kienet tispiċċa miżduda[4], biex jgħinu l-mara ma tkabarx in-natura tagħha, allura kienu jagħtuha porga magħmula minn żewġ magħref żejt ir-riġnu mħallat mal-Lacto. Mhux ta' b'xejn ma kienux imorru għall-magħmudija!

Diġa semmejna li dak iż-żmien kienu jmutu ħafna trabi, għalhekk kienu jgħammduhom jew dak inhar stess jew l-għada tat-twelid. Rari kienu jħallu għal pitgħada. Il-magħmudija kienet trid tinħeles għax kif kienu jgħidu, billi t-tarbija kienet tkun għadha "Tork", għall-anqas jekk kienet tmut kienet tibqa' sejra dritt il-ġenna u mhux tieqaf fil-limbu. B'hekk kien ikollhom ftit serħan il-moħħ.

Hu fatt interessanti li f'ħafna knejjes għadek tara l-fonti tal-magħmudija ħdejn il-bieb ta' barra (Fig. 2). Ir-raġuni kienet li billi t-tarbija kienet tkun għadha bid-dnub tan-nisel, allura ma setgħetx titħalla tidħol fil-qalba tal-Knisja jekk mhux qabel ma tkun imnaddfa bis-sagrament tal-magħmudija.

Għall-magħmudija l-omm qatt ma kienet tmur billi kienet tkun għadha ma rkupratx saħħitha. Kienu jmorru l-missier, il-qabla (li kienet anke tissejjaħ il-majjistra), il-parrini u r-reffiegħa, li kienet tkun imqabbda apposta (aktarx xi zija) ħalli ġġorr lit-tarbija.

---

[4] i.e. stitika.



Fig.2 Id-daħla tal-knisja parrokkjali bil-fonti tal-magħmudija ħdejn il-bieb ta' barra. (© E. Bonanno)

Għall-magħmudija t-trabi kienu jitlibbsu libsa bajda twila. Min kien jista' kien ikollu waħda tas-satin, u ġieli anke bir-rakkmu. Fi żminijiet aktar qribna t-tarbija kienet tkun liebsa kappa tas-satin u fuqha kien ikollha kappa tal-magħmudija bi tliet saffi ta' frilli fuq xulxin. Billi sal-Knisja kienu jmorru bil-mixi erħilha r-reffiegħa jekk kienet tkun minn ta' ġewwa turi l-frilli tal-kappa hi u għaddejja mit-triq ħalli tiffanfra quddiem il-ġirien u l-parruċċani.

L-ismijiet tat-tfal kienu jiġu magħżulin mill-ġenituri nnifishom. Kontra llum, fl-antik kien hemm id-drawwa li jissemmew għan-nanniet, speċjalment jekk kienu jkunu mejtin. L-għażliet ta' l-ismijiet kienu jkunu kollha bil-ħsieb u bi skop u ma kontx tisma l-istramberiji tal-lum.

It-trabi kienu jkunu ppreżentati fis-Santwarju erbgħin jum wara t-twelid. Daqshekk kienu jdumu ma jerġgħu jaraw l-arja ta' barra l-ommijiet.

Ħafna kienu dawk li jagħmlu wegħdi kemm tul it-tqala u kemm wara kif hemm jixhduh l-għadd kbir ta' kwadri tal-wegħdi u ħwejjeġ oħra mdendlin mal-ħitan tas-Santwarju u l-Għar tal-Madonna: xhieda qawwija tar-reliġjożita' ta' missirijietna (Fig. 3).

Fl-antik ħafna iżjed ommijiet kienu jreddgħu lil uliedhom. Kien hemm min ta' sena, wara l-ftama, kien jibda jagħti l-ħalib tal-mogħoż ġo flixkun tal-luminata b'gażaża mwaħħla miegħu. Tan-nagħaġ kien jintuża wkoll minkejja li dan kien aktar grass. Fi żminijiet aktar qrib beda anke jintuża l-ħalib tal-bott.

Fil-biċċa l-kbira kulħadd kien iredda' lil tiegħu hu stess imma ġieli nqalgħu każi fejn dan ma setax



Fig. 3. Tifkiriet mogħtija b'wegħedi u li jinsabu mdendlin mal-ħajt tal-Madonna ta' l-Għar. (© E. Bonanno).

isir. Żgur li qabel it-tletinijiet meta kienet tmut l-omm waqt il-ħlas, kienu jqabbdu waħda li kienet tissejjaħ l-imredda. Normalment din kienet tkun waħda minn ta' ġewwa stess. Xi nisa sinjuri li ma kienux iridu li jiddendlilhom sidirhom kienu jħallsu waħda għal dan il-għan.

Ġieli kont issib min sidirhom ma kienx jagħmel ħafna ħalib allura kienu jfittxu s-servizz ta' min in-natura tkun għenithom ġmielha. Ħafna drabi kienu jħallsuhom bi ħxejjex jew xi fenek jew xi tiġieġa.

Kultant kienet tinqala' problema meta l-imredda kienet timrad bil-maramuri (i.e. tibda tnixxi ħalib u demm). Ulied l-imredda ma kien jiġrilhom xejn, biss lil trabi oħra l-ħalib bid-demm kien imarradhom u anke ġieli qabbadhom deni qawwi.

Kien hemm minn kien iredda' sa sena biss, imma kien hemm anke min baqa' sejjer sa erba' snin.

Ħafna kienu jibdew joftmu 'l uliedhom ta' tliet xhur. Ta' xi sitt xhur kont issib minn kien jogħmodilhom l-ikel u wara jagħtihulhom f'ħalqhom. Il-ftama kienet issir b'ħafna affarijiet. Kien hemm min kien jibdilhom bl-ismid b'werqa randa – ħalli jifthilhom moħħom !! Is-smid kien hemm min isajru biż-żejt, b'naqra melħ u werqa randa. Kien hemm anke min jagħmlu biz-zokkor. Kien hemm min jibdielhom b'xi biċċa ħobż jew xi biskuttell li kienet isservi anke biex anke jħokku l-ħniek biha, u kien hemm min jitħnilhom xi ħxejjex bħal patata jew zunnarija mgħollija. Xi ftit minestra – dak iż-żmien ikla tal-fqir, ukoll kienet tintaħan ħalli jitimgħuha lit-tfal. Min kien ikollu t-tiġieġ ma kienx jonqos li jagħtihom xi bajda mgħollija wkoll, b'xi niskata melħ fiha għat-togħma, imma mhux qabel ma jkunu għalqu sitt xhur.

Kienet l-għaxqa ta' kulħadd li jaraw lil uliedhom jibilgħu u jitqawwew u għalhekk kienu jibżgħu minn minn kienu jaħsbu li seta' jisħethomlhom. Daqqa t'għajn ħażina kienet tista' titfagħħomlhom taħt il-kaptelli.

Biex ibegħdu l-għajn ħażina minn fuq it-tfal, waħda mit-taqbiliet li kienu jingħadu, waqt li jsir sinjal fuq moħħ l-ulied kienet:

Jekk hawn xi għajn ta' għira,
ta' ħniena, ta' ferħa jew ta' mibgħeda
tmur u terġa' lura.

Drawwa oħra kienet li jitpoġġa xi weraq taż-żebbuġ merfugħ minn ta' Ħadd il-Palm fil-benniena jew fin-nieqa tat-tarbija. Domni mwaħħlin mal-qmejsiet ma kinux jonqsu wkoll. Ħafna kienu jakkwistaw xi teka minn għand is-sorijiet Franġiskani u jdendluhomlhom minflok jew mad-domni (Fig. 4).

Allaħares ma kontx tgħid "Alla jbierek !" jew "Imbirik Alla!" meta kont issemmi xi ħaġa anke ta' tifħir quddiem it-tarbija għax id-daqqa t'għajn li kont taqla' kienet tkun agħar minn tir ta' senter. Il-qrun jew f'wiċċ dak li jkun jew bil-moħbi kien parti mir-ritwal ukoll, u dawk li kienu bla żejt f'wiċċhom malajr kont issib minnhom li jiksrek u jgħidlek: "Għajnejk f'sormu!" u kien iħallik titlob lil Alla li tinfetaħ toqba fl-art u tibilgħek għall-mistħija.

Meta xi ħadd kien idaħħal f'moħħu li hu jew uliedu nsteħtu mill-ewwel kienu jbaħħru ħalli jwarrbu l-magħmul minn fuqhom.

Għat-tbaħħir kienu jintefgħu xi friegħi taż-żebbuġ imbierek f'taġen u jinħarqu. Dak li jkun qed jipprova jneħħi l-magħmul kien idur mad-dar kollha u waqt li jimla kull m'hemm bil-foga ħelwa taż-żebbuġ fost għadd ta' pater, ave, u glorjiet, kien jibda jtenni: "San Pietru ta' Ruma, għajn u ferħa terġa' lura." Kif ukoll "San Barnabaw oħroġ din l-għajn minn hawn !" Talb ieħor kien jintqal ukoll. Ġieli anke kien hemm min ra kif għamel u akkwista xi troffa xagħar jew xi biċċa drapp minn ta' dak jew dik li kien qed jingħad li għajjen, u wara ħaraqha flimkien maż-żebbuġ.

Użanza oħra kienet li jekk jissemma' xi qtugħ ta' xi driegħ jew riġel, il-kelma qtugħ ma kinetx tingħad quddiem it-tarbija. Minnflokha kienu jużaw il-kelma 'misbilofja'. Għalhekk kienu igħidu : "Misbilofja minn hawn !" u b'idejhom l-oħra kienu jindikaw il-parti minn fejn kien sar il-qtugħ.

F'dawn l-użanzi ħelwin wieħed jinnota taħlita sħiħa ta' paganiżmu, reliġjożita' u superstizzjoni li kollha kienu jagħmlu parti minn ħajjet missirijietna. Minkejja li wħud minnhom forsi anke jidhru strambi llum, wieħed ma jridx jinsa li kien isir x'isir kollox kien għal fini tajba. In-nuqqas ta' tagħlim li kien hemm dak iż-żmien kellu wkoll il-parti tiegħu, għalhekk qatt ma nistgħu inħarsu lejn dawk ta' qabilna bil-mod kif inħarsu lejn il-ħajja tal-lum.

It-tfal kienu jmutu bl-għexieren u għalhekk, li tarbija kienet tilħaq is-sena kien meħud b'awgurju tajjeb.

Kien proprju f'dan iż-żmien meta lit-tarbija ħafna kienu jagħmlulha l-quċċija. Din l-użanza ħelwa bħal reġgħet bdiet tieħu l-ħajja dan l-aħħar u dan hu ta' min jinkuraġġih.

Il-quċċija hija mera qawwija tat-tip ta' ħajja li kellhom ta' qabilna, u rifless qawwi tal-kultura fejn jidħlu tamiet għall-ġejjieni ta' wliedhom.

Fuq xi gverta jew xi biċċa nċirata ma' l-art kienu jpoġġu xi ħaġa tal-flus, bajda, kuruna tar-rużarju, pinna, xi martell, xi biċċa għodda tal-bidwi, biċċa xemgħa, ktieb tat-talb, labra ta' l-inxir, rukkell jew minċott ħajt u ġebla (Fig. 5).

It-tarbija kienet tintelaq fl-art ħalli jaraw x'kienet taqbad b'idejha u dak kienu jiħduh bħala tbassira għall-ġejjieni tagħha.

It-tifsira għal kull waħda kienet kif ġej hawn taħt.

| | |
|---|---|
| Munita | Għad tkun għanja, |
| Bajda | Ħajjet it-tarbija għad tkun mimlija (daqs bajda), |



Fig. 4 Domna (xellug) u Teka (lemin) minn dawk li kienu jiddendlu mal-benniena tat-trabi. (ġ E. Bonanno).



Fig. 5. L-affarijiet li kienu jintużaw biex issir il-quċċija. (© Eric Bonanno)

| | |
|---|---|
| Kuruna tar-Rużarju | Għad tgħaddi ħajja ta' talb (bħala reliġjuż/a), |
| Pinna | Għad tikun ta' l-iskola, |
| Martell | Għad isir mastrudaxxa, |
| Għodda tal-Bidwi | Għad issir bidwi/ja, |
| Ktieb tat-talb | Għad isir qassis |
| Labra ta' l-inxir | Għad tkun issefter |
| Minċott/Rukkel tal-ħajt | Għad issir ħajjat/a |
| Ġebla | Għad ikun bennej. |

Wieħed mill-ewwel jinnota element qawwi ta' dak li kellu x'jaqsam mar-reliġjon. Dak iż-żmien, wisq aktar mil-lum, min kien ikollu xi reliġjuż fil-familja tgħidx kemm kien jiftaħar. Mhux hekk biss, iżda dan kienu jitolbuh lil Alla b'ħeġġa kbira. Illum tassew tbiddlu ż-żminijiet !

Illum fejn tidħol il-quċċija ma ssibhiex bi tqila biex tara lil xi ħadd jitfagħlek xi biċċa makkinarju elettroniku ma' l-affarijiet. Mur ġib lil missirijietna kemm kienu jitkażaw bina u forsi anki jgħajjruna fanfri.

It-tfal jikbru u magħhom jikber l-għawġ. L-agħar l-inkwiet u l-mard igħidu, u tassew hekk, għax il-mard jidħol bil-ħemla imma biex joħroġ bin-ħemla. Il-Melliħin ta' l-antik kienu spiss isibu l-mard iħabbat ma' wiċċhom. Minħabba n-nuqqas ta' mediċini, ma kellhomx x'jagħmlu għajr li jduru fuq il-ħxejjex slavaġ jew xi metodi oħra għall-għajnuna.

It-trabi sa minn meta jkunu għadhom ilma kienu jibdew bil-problemi. Traċċi ta' ħalib li kienu jibqgħu f'ħalq it-tarbija spiss kienu jġibu l-ħrara fuq l-ilsien. Din l-ispeċi ta' moffa kienet tiġi kkumbattuta



Fig. 6. Funtusi fuq id-dahar għal kontra l-irjieħat (© Eric Bonanno)

b'naqra ilma fietel b'werqa randa fih. Kien anke jservi biex jimla l-istonku tat-tarbija.

Għall-uġieħ taż-żaqq kienu jagħtu l-gamumella u biex jippurgaw kienu jħalltu ftit gamumella ma' ħafna ilma. Rand u msiemer tal-qronfol mgħollija kienu jintużaw għall-istonku u t-tifwieq. Fidloqqom mgħolli jew ġulepp tal-ħarrub kien jintuża għal kontra s-sogħla. L-isfejġel kien duwa tal-Madalena għal min kien ibagħti b'imsarnu.

Għall-irjieħat kienu jagħmlu l-funtusi (Fig. 6) u għal xi nfjammazzjoni, musmar jew traġna[5] kienu jagħmlu l-ġbajjar tan-nuħħala.

Min kien jirfes xi musmar imsaddad jew xi ħaġa simili kien jispiċċa b'biċċa lumija nfaxxata ma' siequ sa l-għada filgħodu u Alla jbierek kollox kien jgħaddi b'wiċċ il-ġid.

Għal kontra l-gass, sufa sħuna kienet tagħmel il-mirakli, u jekk xi ħadd kien ilaqqat xi gundalla, dilka bil-butir u tagħfisa bis-saħħa b'sold fuqha kien ikun il-metodu użat. Qas irrid niftakar kemm -il darba sofrejt din it-tortura jiena. Kien hemm min jinfaxxa s-sold mar-ras u jħallih hemm. Għat-tbenġil naqra butir jew xaħam taċ-ċappa kien jagħmel tajjeb. Kien hemm min jagħmel iż-żejt tal-fejġel ukoll.

Għal min kien ibagħti bit-tixwit minflok terra kienu jxappulu ftit xaħx fin . Mur ara b'naqr' oħra għaraq x'tikħila kien ikollu dak li jkun. Biss, kienet taħdem.

Għall-ponot ħasla bl-ilma tal-buqexrem ma kienux isibu aħjar minnha.

Interessanti ħafna hi kondizzjoni li fiha wieħed kien jissejjaħ 'il-mibdul'. Li kien jiġri hu li meta t-tfal kien ikollhom xi mard li t-tobba ma setgħux isibu tarfu, l-ommijiet kienu jieħdu t-tfal għand waħda mara l-Qala f'Għawdex li kienet titlob l-interċessjoni tar-raħeb Kerrew għall-fejqan tagħhom (Fig. 7). Waħda qaltli li anke ġieli ħaduhom għand il-Papas tal-Griegi.

Minn naħa l-oħra, meta t-tfal kienu jkunu f'sikkithom kont tinduna bl-għajjat u l-ġiri tagħhom waqt il-logħob filgħaxijiet, billi matul il-jum il-biċċa l-kbira kienu jew jaħdmu fir-raba' tal-familja jew f'xi razzett.

Karozzi fit-toroq kienu rari sa żmien l-aħħar gwerra dinjija u għalhekk ħafna kienu jilagħbu barra bla ebda biża' li jittajru.

Il-pagi ta' dak iż-żmien kienu ċiċri ħdejn tal-lum u billi l-familji kienu kważi kollha numerużi, kienu ftit dawk li setgħu jixtru xi ġugarelli għal uliedhom.

Għalhekk kienu jaraw x'jistgħu jagħmlu bl-affarijiet li kienu jsibu madwarhom. Ngħid għalija, l-logħob ta' l-antik kont tgħaddi siegħa żmien tajba

[5] i.e. musmar maqlub



Fig. 7. Ir-Raħeb Kerrew (Kwadru miżmum fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni fil-Qala, Għawdex) (© Eric Bonanno)



Fig. 8. Bint l-awtur tilgħab il-logħba tal-Bżallu. (© Eric Bonanno)

fih u kien hemm varjeta kbira wkoll. Qatt ma konna nixbgħu, mhux bhat-tfal tal-lum – mill-Milied sa San Stiefnu jagħmlu, u malajr iwarrbu kollox.

Boċċi u żibeġ tal-ħġieġ kienu lussu li l-biċċa l-kbira tal-familji me setgħux ilaħħqu miegħu. Minflok kienu jużaw biċċiet taċ-ċaqquf; materjal li ebda familja ma kienet nieqsa minnu fil-Mellieħa speċjalment meta f'dan ir-raħal insibu bosta art taflija. Is-subien kienu jilagħbu bih minflok il-boċċi, waqt li l-bniet kienu jużawh minflok iż-żibeġ. Il-boċċi u ż-żibeġ tal-ħġieġ bdew jidhru fl-idejn aktar tard. Iż-żibeġ kien anke jissejjaħ 'qabbuż'.

Logħba oħra tas-subien kienet ix-'xiber il-laqta'. Din kienet logħba ta' barra billi s-subien kienu jridu jwaddbu ċ-ċaqqufa tagħhom il-bogħod kemm jista' jkun bla ma jħallu min iwaddab tiegħu u jolqot tagħhom, għalkem huma kienu xorta jippruvaw jagħmlu hekk.

Kienet logħba maħluqa għat-triq għax kienet anke tintlagħab bejn is-subien meta dawn kienu jintbagħtu x'imkien b'xi qadja. Kienu jibqgħu jilagħbuha sa ma jaslu fejn kellhom imorru.

Is-subien kienu wkoll jilagħbu biċ-ċrieki tal-fidiferru u b'xi karettun bir-roti li kienu jagħmlulhom tal-familja stess. Blalen taċ-ċarruta kont issib ġmielhom ukoll.

Il-bniet kont tarahom jilagħbu 'mamma del' b'xi pupa taċ-ċarruta jew b'xi maktur imdawwar f'forma ta' tarbija. Meta kienu jsibu xi biċċa carruta ħażina kienu anke jħitulha xi libsa huma stess.

Il-qbiż tal-ħabel kien komuni wkoll.

Logħob komuni għat-tnejn kien in-'noli' u l-'ħames ċaqgħiet'. Ta' l-aħħar kien hemm min isejħila 'l-bżallu' (Fig. 8) u f'irħula oħra 'piżarru' jew 'piżarri'.

Il-bniet kienu jaraw jiddubbawx xi rukkell ta' l-injam ħalli jkunu jistgħu jagħmluh bħala takkuna u joqogħdu jimxu fuqu. Aktar tard ir-rukkell kienu anke jużawh biex jagħmlu d-dudu tal-ħjut bih.

Kemm kienu jiġru t-tfal b'xi qasba f'idejhom biex jaqbdu l-ħuttaf. Anke d-dubbien u l-wirdien ma kienux jeħilsuha. Bihom ukoll kienu jilagħbu. Sew igħid il-Malti li n-nuqqas waħdu joħloq!

Kemm kien ikun sabiħ il-kant tat-tfal għat-tidwir tad-'dawra durella' hekk kif ix-xemx kienet titfa' l-aħħar dellijiet tagħha u tagħmel il-wisgħa għal lejl ieħor.

Is-skiet li kien jaqa' wara kont taqtgħu b'sikkina fix-xitwa u fis-sajf kien forsi jinkiser miż-żarżir ta' xi werżieq jew tan-nemus fitt.

It-tfulija ma kienetx ward u żgħar biss, imma kien fiha x-xewk ukoll. L-imwiet tat-trabi ta' ftit xhur kienu spissi. Ħafna kienu jmutu bid-diżenterija u d-deni rqiq. Il-kaġuni ta' dan kollu aktarx li kienu n-nuqqas ta' l-iġene kif ukoll il-ħalib tan-nagħaġ u l-mogħoż li kien għadu ma bediex jiġi ppasturizzat, tant li ħafna kienu jixorbuh dirett mill-bhima bla ma biss jgħalluh.

Kif kienet tmut xi tarbija kienu jagħtu ħarqa tad-drill lil żewġt itfal u waqt li kull wieħed kien iżommha minn kull tarf kienu jibdew iduru d-djar ta' dawk li kien ikollhom xi ġnejna u jitolbuhom xi

ftit fjuri. "Mietet tarbija, għandek xi ftit fjuri ħi? Għandek xi żewġ xandriet?"[6] Wara kienu jmorru għand dik li kien ikollha l-katavru tat-tarbija u jimlew it-tebut bil-fjuri madwar il-ġisem mejjet. It-tebut kien ikun abjad.

It-tarbija mejta kienet titkeffen bl-abjad ukoll, simbolu ta' l-innoċenza u s-safa. Mal-qadd kienu jorbtulha żigarella ċelesti li tispiċċa f'ċoff. Kien hemm min ilibbisha girlanda fjuri fuq rasha wkoll. L-omm kienet tħit il-libsa tal-kefen u l-missier kien imur għat-tabib u l-qassis. Tfal imfarfrin kienu jitkeffni fi speċi ta' fardal abjad minn fuq s'isfel li kien jintrabat minn fejn l-għonq. Fi żminijiet aktar qribna it-trabi mejta kienu bdew jindifnu bil-libsa tal-magħmudija.

Qabel id-difna kienu jgħaddu ħafna nies, speċjalment tfal żgħar, biex jaraw lit-tarbija mejta, u ħafna kienu joqogħdu jibku ma' l-omm. It-tebut kien jitpoġġa fuq mejda u madwaru kienu jixegħlu xi xemgħat ukoll.

Il-kliem ta' l-għomor li kien jingħad lill-ġenituri mnikkta kien: "Nifirħulkom għax irbaħtu l-ġenna!" Dan minħabba li kienu jemmnu li ruħ dik it-tarbija mgħammda issa kienet ser toqgħod titlob għalihom mill-ġenna.

Meta kollox kien ikun lest għall-funeral, it-tebut kien jinġarr fuq l-idejn. Jekk it-tarbija kienet tkun żgħira ħafna allura kien iġorrha l-missier akkumpanjat minn qassis, mis-sagristan u xi abbatini. Meta t-tarbija kienet tkun ta' ftit xhur jew iżjed kien jintramalha tebut apposta b'erba' qabbada u kien jinġarr minn tfal stess u kien jitwassal sal-post tad-difna miftuħ. Lir-reffiegħa kienu jlibbsuhom girlanda taż-żebbug bil-fjuri fiha li kienet tgħaddi minn fuq l-ispalla għal fuq qaddhom. Ġieli r-reffiegħa kienu jilbsu l-libsa tal-praċett tagħhom ukoll.

Tifel wieħed kien iġorr l-għatu u kien jitħallas sitt soldi[7] waqt li r-reffiegħa kienu jitħallsu disgħa rbajja[8]. Magħhom fuq quddiem kien ikun hemm ukoll il-qassis iġorr salib.

Waqt li kien ikun għaddej xi funeral ta' xi tarbija jew tfal kienet iddoqq mota minn qanpiena żgħira li kienet tissejjaħ 'il-frejħa'. Il-kotra kienet tagħrafhom l-ilħna differenti tal-qniepen, u għall-ħoss tagħha malajr kont tisma' lil min kien jgħidlek "Għaddejja frejħa!"

Sa qabel l-1947 id-dfin kien għadu jsir fis-Santwarju li kien għadu bl-art kollha kaptelli. Tgħidx x'riħa ġieli kien ikun hemm minħabba d-dfin, u mhux l-ewwel darba li nqassmu xi kaptelli u dehru anke l-katavri taħt hekk kif kien jinfaqa' l-għatu tat-tebut mherri bl-umdita'. Wara, d-dfin beda jsir fiċ-ċimiterju ta' wara l-knisja parrokkjali.

Aktar ma kien jgħaddi ż-żmien minn fuq l-aħwa l-oħrajn, aktar il-ġenituri kienu jserrħu moħħhom li dawn setgħu jibqgħu ħajjin, minkejja l-fatt li xi element ta' biża' dejjem kien hemm.

It-tfal ukoll kellhom il-biżgħat tagħhom iżda dan ma kienx ikun mill-mewt. Il-biża' tagħhom kien jiġi meta ma kienux jisimgħu minn min kien akbar minnhom.

Persunaġġi fittizji bħall-'babaw' u 'Sarangu' jew 'ir-raġel ta' l-ixkora' kienu jwerwru lil bosta li matul il-jum kienu jkunu qishom għefiered. Il-'Gawgaw'[9] kienu jgħidu li joħroġ għall-ħabta ta' nofs il-lejl jiġbor it-tfal l-imqarbin.

Min kien ikollu bir fid-dar kien ibeżża' t-tfal bil-belliegħa wkoll, u kienu jgħidulhom li kienet titla', taħtaf u tibla' lil min kien jazzarda jixxabbat mal-ħerża.

Tbeżbiża forsi kemmxejn aktar ħarxa kienet tiġi mill-wegħda li jiġi Luċifru jew 'ta' denbu twil' u jkaxkar lil dak li jkun u jieħdu miegħu l-infern.

Il-biża' mill-għajn u minn min kienu jgħidu li jgħajjen kienet tfur anke għal fuq l-ulied. Tant li lil ċerti wħud it-tfal stess kienu tgħallmu jaħarbuhom daqs il-bard ta' Jannar.

B'dawn il-biżgħat apparti, kien hemm affarijiet oħra li kienu jimlew il-ħajja ta' kuljum tat-tfal Melliħin.

Bosta għadhom jiftakru żewġ skejjel. Dik tal-bniet (l-iskola t'isfel) kienet fejn illum hemm iċ-Ċentru Parrokkjali, waqt li dik tas-subien (l-iskola ta' fuq) kienet fuq ix-xaqliba ta' Pennellu.

Kien hemm żmien fejn it-tagħlim kien anke jsir f'kamra waħda biss. Qabel l-aħħar gwerra, ġo Triq il-Mitħna l-Ġdida kien hemm dar taċ-ċangun li kienet tintuża bħala skola, iżda fi żmien il-gwerra kienu ħaduha taħt idejhom tal-militar u bħala skola beda jintuża fejn illum hemm iċ-Ċentru Parrokkjali.

Il-faqar ta' l-imgħoddi kien iħalli s-sinjali tiegħu anke fejn kienet tidħol l-iskola. Billi l-familji kienu kbar, it-tbatija kienet komuni u d-dħul ftit, ħafna sofrew nuqqasijiet u ma setgħux jixtru minn kollox . Biżżejjed insemmu l-każ ta' wieħed raġel, missier t'erbatax, li biex f'ċertu episodju seta' jlaħħaq mal-ħajja kellu saħansitra jbiegħ iċ-ċurkett taż-żwieġ. Taqsamx qalbek tisma' x'kellhom jagħmlu għalina ta qabilna? Biss, kieku m'għamlux hekk forsi illum la int ma qed taqra u lanqas jien ma ktibtlek! Tassew ħaqqhom l-akbar rispett.

Anke qabel ma kienu jmorru l-iskola t-tfal kien ikollhom jagħtu sehemhom fix-xogħol tal-familja.

---

[6] Il-kelma Melliħija antika għal 'wardiet'.
[7] i.e. 2c5. Kien jissejjaħ ukoll 'sikspenz' (i.e. *six pence/pennies*)
[8] i.e. 8c3.
[9] F'irħula oħra l-Gawgaw kienu jgħidu li joħroġ f'nofs il-lejl tal-Milied.

Waħda tirrakkonta li mill-familja tagħha kienu ħuta ż-żgħar li bdew imorru l-iskola għall-ewwel darba. Ħuha l-kbir, li kelmtu kienet tkun irrispettatha ħafna fid-dar, ma kienx iħalli liż-żgħir jitlaq lejn l-iskola jekk qabel ma jkunx mela xkora demel mir-razzett.

Il-basket ta' l-iskola kien ikun meħjut minn biċċa drapp tal-kakien jew xi biċċa drapp oħra – 'basket taċ-ċarruta' konna nsibuh fil-fatt. Aktar -il quddiem daħlet il-bagalja ta' l-injam. Ħafna huma dawk li kienu jmorru ħafjin jew b'qorq wieħed biss, u bis-sieq l-oħra nfaxxata. L-iskuża kienet tkun għax weġġgħu, waqt li fil-fatt, ir-raġuni kienet li b'dak il-mod il-qorq kien ser iservihom id-doppju. Inkella par kien iservi għal żewġt aħwa l-aktar meta kienu jkunu daqs l-insaw.

Oħrajn kienu jilbsuh biss għal ġewwa u jerġgħu ineħħuh kif jiskolaw.

Il-bankijietta' ta' bi tnejn, bil-bieba togħla u bil-klamar tal-linka għadhom memorja ċara għal ħafna anzjani Melliħin.

B'uniformi kien hemm fardal abjad għall-bniet u ġakketta tal-kakien għas-subien. Kienu anke jilbsu ċoff tal-karti aħmar – u erħilu jerħi 'kk tinqabad fix-xita!

Għall-ikel kienu jieħdu xi biċċa ħobż żgħira bil-kunserva, b'xi biċċa ġobon, ġbejna jew inċova – u qis li ġġewwes għax x'ħin tispiċċa m'hemmx biċċa oħra. Kien hemm min f'nofsinhar kien jibqa' l-iskola u għalhekk kien jieħu bajda iebsa miegħu ukoll ħalli jkollu biex itaffi t-tgergir ta' l-istonku f'ħin l-ikel.

Imma bħal ma jibqgħu imfakkrin dawn l-inqaqar, ma jintnesiex it-tajjeb u l-ħażin li dak li jkun kellu jesperjenza, speċjalment is-swat u l-abbużi.

Għalliema twajba u tar-ruħ li spikkat, u li ħafna baqgħu jiftakruha kienet Ċensa ta' Ferfer. Kienet wisq maħbuba għal imġibitha.

Oħt bużnannti tiftakar ukoll li fil-ħin tal-mistrieħ xi ftit bniet kienu anke joqogħdu jaħdmu xi tvalja tal-cross-stitch għall-għalliema, u dawn kienu jpattulhom billi jagħtuhom xi tazza kokkodina.

Episodju ieħor ħelu li semmietli kien li meta ma kienx ikun hemm il-prefect u l-għalliema fl-inħawi, hi u wħud minn sħabha kienu jidħlu fil-klassi nkiss inkiss u jikkupjaw is-soluzjonijiet tas-somom li kien ikollhom jaħdmu ħalli jiffrankaw il-korrezzjoni.

Oħrajn jiftakru lil waħda oħra mill-għalliema li tant kienet kiefra li saħansitra anke l-ommijiet kienu jibżgħu minnha. Għax darba waħda kienet ġabet tliet sommiet minn ħamsa ħżiena din l-għalliema qamet min postha, marret bil-pitazz ħdejn it-tifla u bdiet issawwatha f'wiċċha u f'rasha, għat-tkexkix tal-bqija tal-klassi. "Tant konna nibżgħu li meta konna mmorru bil-pitazz quddiemha konna nitilquhulha hemm u mmorru niġru f'postna li ma mmorrux naqilgħu xi xebgħa."

B'disprezz, ħafna jiftakru swat u anke tiġbid tax-xahar. Ta' l-ewwel doqtha jiena wkoll u l-ħruq fil-pala ta' l-id ma tantx tinsieħ kif ġieb u laħaq.

Persuna oħra tiftakar li meta darba ittantat lil ta' quddiema waqt li din kienet qed tiekol, u din ta' l-aħħar bil-ħasda ħarġet għajta, l-għalliema ħarġitha minn postha u bdiet tħabbtilha rasha mal-blackboard.

Meta bdew deħlin l-għalliema rġiel minn barra r-raħal, fi żminijiet aktar riċenti, daħal tip ieħor ta' mġieba li ħalliet tebgħa f'moħħ xi wħud ukoll.

Waħda qaltli li meta għalliem partikolari kien jieħu grazzja ma' xi waħda mill-bniet u din kienet tmur biex jikkoreġilha xogħolha, tant kien jibda jrossha bil-qawwi li kien iħalliha bla nifs. L-istess għalliem ġieli anke ġiegħel lil bniet jitilgħu fuq is-siġġu u kien itella' idejh ma' saqajhom sa koxxithom. Iż-żejt dejjem tela' f'wiċċ l-ilma, u fl-aħħar dan kien spiċċa ħażin ma' l-ommijiet ukoll!

Għalliem ieħor kien qisu l-indannat jgħajjat mat-tfal u meta kien jaqbad il-pointer kien jibda jfajjar sitta la sinistra.

Ovvja li dawn l-episodji huma l-aktar li jibqgħu jissemmew minħabba l-weġgħat u l-memorji koroh li ħallew. Minkejja dan, ma rridux ninsew li xorta kien hemm għalliema li kienu jinteressaw rwieħom fil-progress tat-tfal.

Żgur li żmien l-iskola jibqa' fil-memorja ta' ħafna imma tant ieħor żmien il-praċett u l-griżma li fl-imgħoddi s-sinifikat tagħhom kien aktar qawwi għan-nies.

Għal ħafna dawn iż-żewġ episodji kienu jfissru tmiem it-tfulija u l-bidu ta' żogħżija bikrija.

Qabel ma daħal il-MUSEUM il-preparazzjoni għall-praċett kienet issir b'kors ta' katekiżmu li kien isir filgħaxija fil-knisja parrokkjali (Fig. 9).

Il-praċett kien isir ta' 6 snin u kien jiġi ċċelebrat fil-knisja parrokkjali. Għal xi żmien il-quddiesa kienet anke ssir fis-6.30 ta' filgħodu. Hu nteressanti li qabel il-gwerra sewwa, is-subien kienu jlibsuhom bl-iswed. Bdew bl-abjad ħafna aktar tard.

Minflok żarbun l-ommijiet kienu jħitulhom papoċċi. Aktar tard bdew anke jakkwistawhom lesti bil-kupuni mingħand tal-ħwejjeġ. Il-pika fl-ilbies malajr nibtet anke sa minn ftit żmien wara l-gwerra tant li l-kappillan ried li l-ilbiesi tal-bniet isiru kważi lixxi bi ftit refki u xi imbasta. B'hekk dawk ta' ftit mezzi ma kienux iħossuhom inferjuri mit-tfal ta' dawk li kienu jistgħu.

Minn wara l-gwerra 'l hawn it-tfal tal-praċett bdew ilaqqgħuhom fejn is-santwarju u minn hemm, flimkien mas-sorijiet kienu jimxu f'ringieli sal-parroċċa fejn kien ikollhom il-quddiesa. Wara kien ikollhom bħal festin żgħir għand is-sorijiet stess.




Fig. 9. Ġemgħa nies ħierġa mill-knisja wara l-katekiżmu ta' nhar ta' Ħadd. (Ħajr: Joe Catania)

Fi żmien il-ġwerra l-praċetti ġieli anke saru fix-xelter, u normalment iċ-ċerimonja kienet issir f'nofs il-ġimgħa. Il-biża' ta' ħbit fuq il-knejjes kien iwerwer lil kulħadd.

Il-griżma ta' l-isqof kienet issir fil-parroċċa wkoll fejn it-tfal kienu jilbsu l-istess libsa tal praċett. Għamlet ħabta l-griżma kienet issir kull 4 jew 5 snin, biss lejn żmien il-gwerra bdiet issir kull sentejn, u wara kull sena. Normalment kienet issir daqs sena wara l-praċett biss kien hemm okkażjonijiet fejn anke saret fl-istess jum tal-praċett.

Meta kien għad hemm is-siġġijiet fil-knisja kienu jirranġawhom f'żewġ ringieli fuq kull naħa tal-korsija, naħa għall-bniet u naħa għas-subien.

It-tfal kienu joqogħdu għarkobbtejhom fuq is-siġġu u warajhom kienu joqogħdu l-parrini. L-isqof, flimkien mal-kappillan u l-abbatini kien jgħaddi minn nofs u wieħed wara l-ieħor kien jagħmlilhom iż-żejt tal-griżma fuq moħħhom.

Wara l-funzjoni kulħadd kien imur lura lejn id-dar.

Suldati ta' Kristu kienu jgħidulna li sirna fil-katekiżmu. U għalhekk konna nħossu li issa kbirna.

Tista' tgħid li hekk kienet tispiċċa t-tfulija u kienet tibda ż-żogħżija. Kultant kienet tinħass aktar bħala tfulija misruqa u tefgħa għal ġo żogħżija bikrija; zogħżija ta' ħidma għat-tfal li minkejja li kienu għadhom jiġġebdu biex iżommu tfulithom, iż-żminijet li kibru fihom kaxkruhom biex uħud anke ġarrew il-piż ta' kbar wisq qabel żmienhom.

TMIEM

**Ringrazzjamenti:**

Minn qiegħ qalbi nixtieq nirringrazzja lil Ġola Caruana, Christine Deguara, Victoria Muscat, Marianne Camilleri, Margaret Gatt, Jane Spiteri u Giovanna Cutajar, kif ukoll lill-familjari tagħhom tad-dettalji li għinuni niġbor biex stajt nipprepara din il-biċċa xogħol.

Ringrazzjament speċjali jmur għas-Sur Joe Catania talli minn jeddu qatt ma sabha bi tqila joħroġ minn triqtu biex jagħtini l-għajnuna kollha li tlabtu, u aktar ukoll.

Nirringrazzja wkoll liz-'zija ż-żgħira', Antonia Cauchi, oħt bużnanti Anġla, li sibtha tant u tant t'għajnuna, u li bil-paċenzja kollha u b'qalbha miftuħa dejjem wieġbet kull mistoqsija li għamiltilha.

Fl-aħħar, bla dubju ma nistax ninsa lil Doris Curmi u lill-(kwarta) kuġina tiegħi Marjanna Vella (Melliħija imma llum residenti l-Gżira). Il-memorja fenominali tagħhom kienet l-akbar għajnuna li sibt f'dan ix-xogħol. Il-ħin twil li bi pjaċir qattajt fuq it-telefon niddiskuti ma' kuġinti Marjanna kull aspett li semmejt fl-artiklu servini biex aktar napprezza dak kollu li hu Melliehi u dak kollu li ta' qabilna għamlu għalina. Marjanna hija għalija nixxiegħa li ma tixxottax.

Lil dawn kolla nerġa' ntennilhom: Grazzi tassew.